



BANK ĊENTRALI EWROPEW
SUPERVIŻJONI BANKARJA

Emendi għar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji

Tnedija ta' konsultazzjoni pubblika
dwar bidliet fir-Regolament tal-BĊE
dwar it-tariffi superviżorji u tweġibiet
għal kummenti li waslu mingħand il-
pubbliku fl-2017

BANKENTOEZICHT

April 2019

BANKTILLSYN BANKU UZRAUDZĪBA

BANKŮ PŘEŽÍŮRA NADZÓR BANKOWY

VIĠILANZA BANCARIA

BANKFELÜGYELET

BANKING SUPERVISION

SUPERVISION BANCAIRE BANČNI NADZOR

MAOIRSEACHT AR BHAINCÉIREACHT NADZOR BANAKA

BANKING SUPERVISION

PANGANDUSJÄRELEVALVE

SUPERVISÃO BANCÁRIA

BANKOVNI DOHLED

БАНКОВ НАДЗОР BANKTILLSYN

BANKENAUF SICHT

ΤΡΑΠΕΖΙΚΗ ΕΠΟΠΤΕΙΑ PANKKIVALVONTA

SUPRAVEGHERE BANCARĂ BANKOVÝ DOHL'AD

SUPERVIŻJONI BANKARJA

SUPERVISIÓN BANCARIA

BANKING SUPERVISION

SUPERVISÃO BANCÁRIA

BANKENAUF SICHT

Werrej

Daġla 2

1	Kamp ta' applikazzjoni u ġustifikazzjoni	3
2	Farsa ġenerali lejn it-tweġibiet	5
2.1	Sommarju	5
2.2	Kriterji li jappoġġaw l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji	5
2.3	Sommarju tal-emendi ewlenin għall-qafas	6
3	Emendi proposti għar-Regolament	8
3.1	Impożizzjoni ta' tariffi superviżorji ex post wara l-għeluq tas-sena finanzjarja tal-BĊE	8
3.2	Skont fuq il-komponent tariffarju minimu għal LSIs iżgħar	10
3.3	Użu mill-ġdid ta' dejta superviżorja għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja	12
4	Kummenti oħra dwar il-qafas tat-tariffi superviżorji	15
4.1	Kamp ta' applikazzjoni	15
4.2	Fatturi tariffarji	16
4.3	Spiża tas-superviżjoni	19
4.4	Rwol tad-debitur tariffarju	21
4.5	Kjarifiki dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja individwali	23
4.6	Proċeduri ta' fatturazzjoni u ħlas	24
4.7	Lingwa tan-notifika tariffarja	25
4.8	Kummenti oħra	26
5	Emendi proposti għar-Regolament	27

Daħla

Dan id-dokument hu maħsub biex jagħti fil-qosor il-kummenti li waslu waqt il-konsultazzjoni pubblika dwar ir-rieżami tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41)¹ (ir-“Regolament”) fl-2017 u biex jippreżenta valutazzjoni ta’ dawn il-kummenti. Barra minn hekk, jispjega l-emendi għar-Regolament proposti mill-BĊE bħala riżultat ta’ din il-konsultazzjoni u jniedi konsultazzjoni pubblika oħra dwar dawn l-emendi proposti.

L-emendi proposti jikkonċernaw il-qafas tat-tariffi superviżorji tal-BĊE, bla ħsara għat-tariffi superviżorji tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Barra minn hekk, l-emendi proposti huma bla ħsara għal bidliet fil-qafas legali usa’ li jirregola t-tariffa superviżorja annwali imposta mill-BĊE, b’mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013² (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU)). Għalhekk, dan id-dokument m’għandu ebda valur interpretattiv u mhux legalment vinkolanti.

Huma mistennija kummenti dwar il-Parti 5 biss tad-dokument, jiġifieri l-abbozz tar-Regolament tal-BĊE li jemenda r-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta’ Ottubru 2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41) (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 23).

² Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta’ Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi fuq il-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward tal-politika relatata mas-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

1 Kamp ta' applikazzjoni u ġustifikazzjoni

1. L-Artikolu 30 tar-Regolament MSU jipprevedi li “il-BĊE għandu jimponi tariffa superviżorja annwali fuq istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti u fuq fergħat stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti”.
2. It-tariffa imposta fuq entità taħt superviżjoni tiġi kalkolata skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fir-Regolament.
3. L-Artikolu 17 tar-Regolament jesiġi li l-BĊE jagħmel rieżami tar-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-metodoloġija u l-kriterji għall-kalkolu tat-tariffi superviżorju annwali li għandhom jiġu imposti fuq kull entità u grupp taħt superviżjoni, mhux aktar tard mill-2017. Fit-2 ta' Ġunju 2017 il-BĊE nieda konsultazzjoni pubblika biex jiġbor il-kummenti u jivaluta titjib possibbli. Dik il-konsultazzjoni pubblika ntemmet fl-20 ta' Lulju 2017.
4. Ir-rieżami iffoka fuq il-metodoloġija u l-kriterji għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali li għandhom jiġu imposti fuq kull entità u grupp taħt superviżjoni. Id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar id-determinazzjoni tal-ispiża mġarrba mill-BĊE fir-rigward tat-tweqqif tal-kompiti superviżorji tiegħu huma meħtieġa skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament MSU u għalhekk ma jaqgħux fil-kamp tal-applikazzjoni tar-rieżami.
5. Wara l-għeluq tal-konsultazzjoni, il-BĊE analizza l-kummenti kollha li rċieva. Dan id-dokument fih il-valutazzjoni ta' dawn il-kummenti. Fit-taqsimiet li ġejjin u għal kull suġġett, sommarji qosra tal-kummenti jippreċedu l-valutazzjoni tal-BĊE. Biex wieħed jifhem faċilment: ir-referenzi għal dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament huma bbażati fuq ir-Regolament attwali, fejn applikabbli.
6. Waqt it-tnejn tal-abbozz tar-Regolament emendatorju u waqt li ġew stabbili l-proċessi aġġornati, il-BĊE qies ukoll il-kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) permezz ta' fora stabbiliti, inkluż il-Bord Superviżorju.
7. Matul l-analiżi interna tal-kummenti, deher ċar li kjarifiki għar-Regolament ikunu ta' benefiċċju. Dawn ma jbiddux is-sustanza tar-Regolament iżda jtejjbu t-trasparenza tat-test legali.
8. Waqt li l-metodoloġija u l-kriterji għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali sabu appoġġ ġenerali, intalab li jsiru xi bidliet. Bi tveġiba għal dan, u wara li saret analiżi tal-benefiċċji fil-konfront tal-ispiża, il-BĊE jipproponi l-emendi metodoloġiċi għar-Regolament deskritti fil-Parti 3. L-abbozz tar-Regolament tal-BĊE li jemenda r-Regolament jinsab fil-Parti 5. Dan id-dokument iniedi konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-emendi speċifiċi proposti fil-Parti 5.
9. Hu mistenni li l-emendi għar-Regolament jidħlu fis-seħħ għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali għall-perjodu tariffarju tal-2020. Għall-kalkolu tat-tariffi

superviżorji għall-2019 il-BĊE se jsegwi l-metodoloġija u l-proċeduri attwali tal-kalkolu.

10. Bidliet mhux leġiżlattivi relatati mal-operazzjonalizzazzjoni tal-proċessi li ma jeħtiġux aġġornament tal-metodoloġija jew tal-att legali huma spjegati fil-Parti 4. Għall-implimentazzjoni ta' dawk li ġew aċċettati, il-BĊE qed isegwi approċċ gradwali, fejn dawn se jidhru fis-seħħ matul ċikli tariffarji suċċessivi.

2 Farsa ġenerali lejn it-twegibiet

2.1 Sommarju

11. Fil-konsultazzjoni pubblika li saret mit-2 ta' Ġunju 2017 sal-20 ta' Lulju 2017, wasal total ta' 13-il sottomissjoni, li jinkludu 73 kumment. Dan jirrappreżenta tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' sottomissjonijiet u kummenti individwali meta mqabbel mal-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2014. Ġew sottomessi tweġibiet minn tmien assoċjazzjonijiet bankarji, erba' entitajiet jew gruppi taħt superviżjoni u parteċipant wieħed ieħor tas-suq. Għalkemm id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar id-determinazzjoni tal-ispiża mġarrba mill-BĊE għat-tweġiq tal-kompiti superviżorji huma barra mill-kamp tal-applikazzjoni tar-rieżami, waslu wkoll kummenti relatati ma' dan is-suġġett.
12. Il-kummenti ta' dawk li wiegħbu u li qablu li l-kummenti tagħhom jiġu ppubblikati huma disponibbli fil-websajt tas-[Superviżjoni Bankarja tal-BĊE](#).

2.2 Kriterji li jappoġġaw l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji

13. **L-analiżi tal-benefiċċji u l-ispejjeż saret bl-użu tad-dejta tat-tariffi superviżorji tal-2016, 2017 u 2018.** L-istimi pprovduti f'dan id-dokument huma bbażati fuq dejta tal-2018 u huma soġġetti għal bidliet fit- (i) tariffa annwali totali li għandha tiġi imposta, (ii) l-għadd ta' debituri tariffarji, (iii) l-ammonti applikabbli tal-assi totali u l-espożizzjoni totali għar-riskju, u (iv) bidliet fil-fatturi tariffarji ta' kull entità nnifisha.
14. Il-kriterji tal-valutazzjoni huma mtennija hawn taħt:
 - (a) **Konformità mar-rekwiżiti legali:** Meta stabbilixxa l-arranġamenti tariffarji, il-BĊE implimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament MSU li jstabbilixxu l-parametri ewlenin tat-tariffa superviżorja annwali. Għandha tibqa' tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament MSU u ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE.
 - (b) **Impatt tal-allokazzjoni tat-tariffi:** Waqt il-valutazzjoni tal-miżuri potenzjali, żewġ punti tqiesu b'mod partikolari: (i) l-għadd ta' entitajiet u gruppi taħt superviżjoni affettwati direttament mid-dispożizzjoni analizzata, u (ii) l-impatt fuq id-distribuzzjoni tal-ispejjeż fost entitajiet oħra fl-istess kategorija.
 - (c) **Impatt amministrattiv fuq entitajiet u gruppi taħt superviżjoni:** Tqiesu l-ispejjeż li jirriżultaw minn piż amministrattiv addizzjonali potenzjali u l-evitar ta' duplikazzjoni bla ħtieġa fir-rappurtar tad-dejta.

- (d) **Limitazzjoni tal-volatilità tat-tariffa annwali:** Saret valutazzjoni ta' kemm tista' tiġi żgurata l-istabbiltà għall-entitajiet u gruppi taħt superviżjoni, biex jitnaqqsu varjazzjonijiet mhux mistennija fit-tariffa superviżorja annwali.
- (e) **Spiża finanzjarja għall-BĊE:** Tqies l-isforz addizzjonali li jeħtieġ li jagħmel il-BĊE għall-implimentazzjoni u ż-żamma tal-mekkaniżmu tat-tariffi superviżorji annwali, waqt li nżamm preżenti l-fatt li l-ispejjeż addizzjonali għall-BĊE jżidu t-tariffa superviżorja li għandha tiġi imposta.

2.3 Sommarju tal-emendi ewlenin għall-qafas

15. Il-BĊE għamel analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji mistennija mill-implimentazzjoni tal-kummenti li rċieva, waqt li qies sett predefinit ta' kriterji stabbiliti fid-[dokument ta' konsultazzjoni](#) li nieda l-konsultazzjoni pubblika fl-2017. Abbażi ta' din l-analiżi, qed jiġu proposti emendi għar-Regolament. Dawn jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi fil-qafas tariffarju, waqt li jkomplu jiżguraw li jinżammu l-prinċipji ewlenin tas-sempliċità, is-sens ta' ġustizzja u l-proporzjonalità.
16. Minn meta saret il-konsultazzjoni, il-BĊE implimenta titjib ta' malajr billi aġġorna t-taqsimha speċifika tat-tariffi superviżorji tal-websajt tal-BĊE dwar is-Superviżjoni Bankarja b'enfasi fuq (i) il-provvista ta' strumenti għal kalkolu aħjar tat-tariffa superviżorja pagabbli minn entitajiet u gruppi taħt superviżjoni ([Ikkalkola t-tariffa tiegħek](#)), u (ii) kontenut aktar dettaljat li jispjega l-kalkolu tal-ammont totali tat-tariffi annwali u kif dan jinqasam bejn istituzzjonijiet sinifikanti (SIs) u istituzzjonijiet inqas sinifikanti (LSIs) ([Tariffi annwali totali](#)).
17. Il-bidliet proposti jistgħu jinġabru fil-qosor fit-temi ewlenin li ġejjin:
18. **Impożizzjoni ta' tariffi superviżorji ex post.** B'din il-bidla, it-tariffi superviżorji mhux se jibqgħu jiġu imposti abbażi tal-ispejjeż superviżorji stmati. Minflok, it-tariffi se jiġu kkalkulati bl-użu tal-ispejjeż annwali attwali tas-superviżjoni bankarja Ewropea, jiġifieri wara l-għeluq tal-perijodu tariffarju. Din il-bidla ma toñloq ebda spiża addizzjonali għad-debituri tariffarji. Il-benefiċċji għad-debituri tariffarji jirriżultaw minn (i) l-eliminazzjoni tat-trasferiment ta' eċċessi u defiċits bejn l-ammont stmat għat-twettiq tal-kompiti superviżorji u l-ispejjeż attwali mġarrba, u (ii) il-faċilitazzjoni ta' żmien aktar favorevoli għal proċessi kritiċi, bħalma huma l-perijodu għall-kummenti dwar il-fatturi tariffarji u l-ħlas tat-tariffi.
19. **Skont fuq il-komponent tariffarju minimu għal istituzzjonijiet iżgħar u inqas sinifikanti.** Hu propost skont għal LSIs b'assi totali ta' inqas minn €500 miljun. Bejn wieħed u ieħor 50% tal-LSIs jistgħu jibbenefikaw minn dan l-iskont, u b'hekk inaqqsu effettivament it-tariffi tagħhom b'bejn 7% u 50%. It-tariffi superviżorji għal LSIs li ma jibbenefikawx mill-iskont jiżdedu moderatament b'madwar 3%.
20. **Użu mill-ġdid ta' dejta superviżorja dispobibbli fil-BĊE.** Bl-abolizzjoni tad-dispożizzjoni separata ta' fatturi tariffarji, hu mistenni gwadann fl-effiċjenza għal aktar minn 90% tal-entitajiet u gruppi taħt superviżjoni. Dan jista' jinkiseb billi

terġà' tintuża dejta superviżorja diġà disponibbli fil-BĊE għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja pagabbli. Billi l-fatturi tariffarji ma jistgħux jiġu derivati mid-dejta superviżorja għall-gruppi taħt superviżjoni li jeskludu l-assi tas-sussidjarji fi Stati Membri mhux parteċipanti u pajjiżi terzi fil-kalkolu tat-tariffa tagħhom jew għal fergħat li mhumiex meħtieġa jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja skont ir-Regolament (UE) 2015/534³, daww l-istituzzjonijiet ikollhom jibqgħu jipprovdu fatturi tariffarji permezz ta' proċess speċifiku.

21. **Verżjonijiet tan-notifika tariffarja b'diversi lingwi.** Waqt li l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' proċess speċifiku ġdid iżid l-ispejjeż finanzjarji għall-BĊE, hu mifhum li d-debituri tariffarji se jibbenefikaw billi jkollhom l-opportunità li jirċievu n-notifiki tariffarji tagħhom bil-lingwi tal-Istati Membri fejn l-entitajiet u l-gruppi taħt superviżjoni jkunu stabbiliti. Għalhekk, il-BĊE biħsiebu joħroġ in-notifiki tariffarji bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.
22. **Emenda tar-reqwiżit għas-sottomissjoni ta' verifiki tal-awditur għad-dejta tal-assi totali tal-fergħat.** Għall-biċċa l-kbira tal-fergħat li jħallu t-tariffa, li jirrappreżentaw madwar 6% tal-entitajiet kollha li jħallu t-tariffa, l-obbligu li jipprovdu verifika tal-awditur tad-dejta tal-assi totali tal-fergħa għall-iskop tat-tariffa superviżorja tal-BĊE hu sproporzjonat fil-konfront tat-tariffa superviżorja pagabbli. Għalhekk, qed jiġi propost li l-fergħat li jħallu t-tariffi jitħallew jissottomettu ittra tal-maniġment li tħassar il-fattur tariffarju tagħhom minflok dikjarazzjoni tal-awditur.

³ Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2015 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja (BĊE/2015/13) (ĠU L 86, 31.3.2015, p. 13).

3 Emendi proposti għar-Regolament

23. Bi tweġiba għall-kummenti, il-BĊE qed jipproponi emendi għall-metodoloġija tariffarja, waqt li jqis l-esperjenza miksuba mill-adozzjoni tagħha fl-2014, id-disponibbiltà tad-dejta superviżorja, u l-bidliet fil-popolazzjoni ta' entitajiet u gruppi taħt superviżjoni. Waqt li qies il-bidliet fl-arranġamenti tariffarji, il-BĊE ħaseb biex isaħħaħ il-prinċipju tas-sens ta' ġustizzja u l-proporzjonalità għall-entitajiet u l-gruppi kollha taħt superviżjoni, kif ukoll biex isaħħaħ l-effiċjenza u t-trasparenza tal-qafas tat-tariffi superviżorji tal-BĊE.
24. Waqt l-analiżi interna tal-kummenti u waqt it-tnejjja tal-abbozz tal-emenda għar-Regolament, deher ċar li kienu meħtieġa xi kjarifiki editorjali. Dawn ma jbidlux is-sustanza tar-Regolament, iżda jtejbu t-trasparenza tat-test legali. Pereżempju fl-abbozz tal-emenda, l-Artikoli 5, 6 u 9 ġew magħquda flimkien, u b'hekk it-test relatat mad-determinazzjoni tat-tariffa annwali totali sar aktar ċar u ġiet evitata r-ripetizzjoni.
25. Kif imsemmi fl-Artikolu 10(3)(b) tar-Regolament, il-metodoloġija u l-proċeduri għall-kalkolu u l-ġbir ta' dejta dwar fatturi tariffarji, assi totali (TA) u espożizzjoni totali għar-riskju (TRE), jiġu stabbiliti mill-BĊE u ppubblikati fuq il-websajt tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE. Għalkemm ir-Regolament jistipula l-fatturi varjabbli ewlenin użati biex jiġu stabbiliti l-fatturi tariffarji, id-Deċiżjoni (UE) 2015/530⁴ (id-Deċiżjoni dwar il-Fatturi Tariffarji) tistabbilixxi proċeduri aktar dettaljati.
26. Il-BĊE se jemenda d-Deċiżjoni dwar il-Fatturi Tariffarji biex jallinjaha mal-emendi tar-Regolament. Hu maħsub li d-Deċiżjoni emendata dwar il-Fatturi Tariffarji tiġi adottata flimkien mar-Regolament emendat.

3.1 Impożizzjoni ta' tariffi superviżorji ex post wara l-għeluq tas-sena finanzjarja tal-BĊE

27. *Wara l-analiżi interna tal-kummenti, il-BĊE jipproponi li jibda jimponi tariffi superviżorji ex post, jiġifieri wara l-għeluq tal-perijodu finanzjarju, ladarba l-ispejjeż attwali mġarrba mill-BĊE għas-superviżjoni bankarja jkun magħrufa. Dan l-approċċ hu diġà prattika stabbilita f'xi pajjiżi taż-żona tal-euro.*
28. Fatturazzjoni ex post tfisser li l-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali individwali għal kull debitur tariffarju jsir fl-ewwel sitt xhur tas-sena ta' wara, abbażi tal-ispejjeż attwali mġarrba għas-superviżjoni bankarja. Biex tinżamm it-trasparenza u jiġu faċilitati l-proċeduri interni tal-baġit tad-debituri tariffarji, il-

⁴ Deċiżjoni (UE) 2015/530 tal-BĊE tal-11 ta' Frar 2015 dwar il-metodoloġija u l-proċeduri għad-determinazzjoni u l-ġbir ta' dejta dwar fatturi tariffarji użati għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali (BĊE/2015/7) (ĠU L 84, 28.3.2015, p. 67).

BĊE jibqa' jippubblika stima tal-ispiża superviżorja annwali. Hu maḥsub li l-istima annwali tal-ispejjeż superviżorji tiġi inkluża fir-Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji, li jiġi ppubblikat kull sena f'Marzu, fil-kapitolu dwar "Rapportar dwar il-konsum baġitarju".

29. Fil-preżent, il-BĊE jieḥu ḥlasijiet bil-quddiem fir-rigward tat-tariffa superviżorja annwali, jiġifieri qabel ma jkunu magħrufa l-ispejjeż annwali attwali, billi jiċċarġja l-ispejjeż annwali stmati abbażi tal-baġit tal-BĊE għall-kompiti superviżorji.
30. Sussegwentement isir aġġustament għad-differenza bejn l-ispejjeż annwali stmati u dawk attwali għas-sena fit-tariffa superviżorja annwali tas-sena ta' wara, jiġifieri jitqis kwalunkwe bilanċ pożittiv jew defiċit li jirriżulta mid-differenza bejn l-ispejjeż stmati f'April ta' kull sena u l-ispejjeż attwali fl-aħħar tas-sena.
31. Il-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali pagabbli għal kull entità individwali normalment isir fit-tielet trimestru ta' kull sena, u l-fatturazzjoni ssir fir-raba' trimestru, waqt li jitqiesu l-bidliet fl-istatus superviżorju tal-entitajiet taħt is-superviżjoni reġistrati u validati mill-BĊE fid-data tal-għeluq (fl-2018 id-data tal-għeluq kienet l-aħħar ta' Lulju). Għal bidliet validati wara din id-data, tiġi imposta tariffa addizzjonali jew jingħata rimborż abbażi ad hoc.

Data referenzjali għall-fatturi tariffarji

32. Skont il-proċess il-ġdid, id-data referenzjali għall-fatturi tariffarji applikati (assi totali u espożizzjoni totali għar-riskju) tibqa' l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel il-perijodu tariffarju li għalih tiġi imposta t-tariffa. Pereżempju, it-tariffi pagabbli għall-perijodu tariffarju tal-2020 se jiġu determinati u fatturati fl-ewwel nofs tal-2021 abbażi ta' fatturi tariffarji b'data referenzjali tal-31 ta' Diċembru 2019.
33. Dan jippermetti żmien addizzjonali għall-validazzjoni tad-dejta tal-fattur tariffarju abbażi tar-rapportar finanzjarju (FINREP) u r-rapportar komuni (COREP), b'mod partikolari l-ipproċessar ta' sottomissjonijiet mill-ġdid wara verifika tal-awditur, fejn applikabbli. Iż-żamma tal-istess data referenzjali hi konsistenti mal-bidla proposta biex tippermetti l-użu mill-ġdid tad-dejta disponibbli fil-BĊE għad-determinazzjoni tal-fatturi tariffarji (ara l-Parti 3.3).
34. Ir-Regolament emendat mistenni jidhrol fis-seħħ fl-2019 u jiġi applikat għall-perijodu tariffarju tal-2020. B'hekk l-2020 tkun sena tranżitorja li fiha ma jiġu fatturati ebda tariffi superviżorji lid-debituri tariffarji.

Data tal-għeluq għall-inklużjoni ta' bidliet fil-lista tad-debituri tariffarji

35. Il-bidla fil-ħin tal-ġbir tat-tariffi annwali tippermetti li t-tariffi superviżorji jiġu kalkolati bl-użu ta' lista ta' debituri tariffarji li tqis l-avvenimenti rilevanti li jseħħu fis-sena li għaliha jiġu imposti t-tariffi. Avvenimenti bħal dawn jistgħu jinkludu awtorizzazzjonijiet ġodda, irtirar ta' awtorizzazzjonijiet, bidliet fl-istatus superviżorju, u amalgamazzjonijiet u akkwisti.

36. Għalhekk, għall-kalkolu tat-tariffi għall-2020 (li għandhom jiġu fatturati fl-2021), il-BĊE jqis il-bidliet fil-popolazzjoni tad-debituri tariffarji għall-biċċa l-kbira tal-perijodu tariffarju tal-2020.
37. Benefiċċju prattiku ta' din il-bidla jkun li ż-żmien tal-proċessi kritiċi jista' jkun aktar favorevoli, e.g. jiġi evitat l-aqwa żmien tal-vaganzi tas-sajf għar-rieżami tal-fattur tariffarju minn entitajiet taħt superviżjoni. L-intenzjoni hi li l-fatturi tariffarji jkunu disponibbli fuq il-portal onlajn fl-aħħar trimestru tal-perijodu tariffarju, u b'hekk jiġihalla aktar żmien biex id-debituri tariffarji jkunu jistgħu jikkumentaw.
38. Ta' min jinnota, madankollu, li għalkemm il-fatturazzjoni ex-post hi mistennija tnaqqas il-ħtieġa għal kalkolu mill-ġdid ta' tariffi tal-imgħoddi, kalkoli mill-ġdid xorta jistgħu jsiru minħabba d-differenza inevitabli fil-ħin bejn il-bidliet li jsiru fl-istatus u n-notifika ta' deċiżjonijiet dwar bidliet b'hal dawn.
39. Hu propost ukoll li l-iskadenza għad-debituri tariffarji tinbidel biex jibagħtu l-formola tan-notifika tad-debituri tariffarji tagħhom u d-dettalji ta' kuntatt aġġornati mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru fil-perijodu tariffarju rispettiv (għal kummenti oħra relatati mad-debituri tariffarji, jekk jogħġbok irreferi għall-Parti 4.4 "Ir-rwol tad-debitur tariffarju").
40. Waqt li l-ġbir tat-tariffi jsir ex post, l-ispejjeż attwali u d-dħul se jibqgħu jiġu rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji tal-BĊE b'referenza għas-sena finanzjarja rilevanti skont l-istandards applikabbli tal-kontabilità.

3.2 Skont fuq il-komponent tariffarju minimu għal LSIs iżgħar

41. *L-introduzzjoni ta' skont fuq il-komponent tariffarju minimu għal LSIs iżgħar kienet suġġerita fit-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika. Uħud minn dawk li wiegħbu ssuġġerew li l-iskont għandu jiġi applikat għal LSIs b'assi totali ta' €3 biljun jew inqas, waqt li oħrajn appoġġaw limitu ta' €500 miljun. Wieħed minn dawk li wiegħbu talab li jiġi introdott ammont fiss pagabbli b'halha komponent tariffarju minimu. Oħrajn issuġġerew li l-komponent tariffarju minimu għandu jiġi abolit, jew jiġi kalkolat mingħajr ma ssir distinzjoni bejn SIs u LSIs.*
42. Bil-għan li tingħata għajnuna addizzjonali lil LSIs iżgħar, il-BĊE jappoġġa l-introduzzjoni ta' skont fuq il-komponent tariffarju minimu għal-LSIs b'assi totali ta' €500 miljun jew inqas.
43. Il-komponent tariffarju minimu jirrappreżenta l-isforz superviżorju minimu li għandu jsir fil-konfront ta' SIs u LSIs li mbagħad jiġġustifika d-differenza bejn iż-żewġ kategoriji. Dan hu stabbilit fl-Artikolu 10(6) tar-Regolament fil-livell ta' 10% tal-imposta tariffarja globali għal kull waħda miż-żewġ kategoriji. SIs iżgħar diġà jibbenefikaw minn skont fuq il-komponent tariffarju minimu, fejn, għal dawk l-entitajiet b'assi totali ta' €10 biljun jew inqas, il-komponent minimu jitnaqqas bin-nofs.

44. Minn meta ġiet stabbilita l-metodoloġija tariffarja kien hemm tnaqqis ta' iktar minn 15% fl-għadd ta' debitori tariffarji fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fil-popolazzjoni LSI. Il-fatt li l-komponent tariffarju minimu jiġi kalkolat bl-użu tal-għadd ta' entitajiet fil-popolazzjoni LSI bħala d-denominatur wassal għal żieda inevitabbli fil-komponent minimu pagabbli, minħabba tnaqqis fl-għadd totali ta' debitori tariffarji. Flimkien maż-żieda fit-tariffa globali, dan wassal għal żieda fil-komponent tariffarju minimu pagabbli ta' aktar minn 60% bejn l-2015 u l-2018.
45. L-iskont propost effettivament inaqas it-tariffi pagabbli minn LSIs iżgħar b'ammont ta' bejn 7% u kważi 50%. Il-bidla tkun tfixxer li madwar 100 LSIs iħallsu tariffa ta' inqas minn €1,100.⁵ L-għadd ta' debitori tariffarji li jħallsu tariffi ta' inqas minn € 2,000 b'hekk jista' jżieded bi 320% għal kważi 470. It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi eżempju ta' żviluppi possibbli fit-tariffi individwali.

EUR	TA	TRE	Tariffa għall-2018	Tariffa stmata wara skont
Entità A	6,250,000	1,800,000	1,720	880
Entità B	165,000,000	60,000,000	2,970	2,120
Entità C	20,000,000,000	13,000,000,000	213,640	219,530

46. Hu mistenni li l-impatt finanzjarju fuq l-entitajiet fil-popolazzjoni LSI li ma jibbenefikawx mill-iskont ikun moderat. Hu stmat li t-tariffi superviżorji għal dawk l-LSIs jżieded b'ammont ta' mhux iżjed minn 3%, jew inqas minn €10,000, abbażi tad-dejta tal-2018.
47. Fil-valutazzjoni tiegħu, il-BĊE qies ukoll l-effiċjenza operazzjonali u l-ispiża finanzjarja baxxa ta' din il-bidla għall-BĊE. Billi tirrifletti l-metodoloġija użata għal SIs, ma jkun meħtieġa ebda żviluppi fis-sistema.
48. Il-komponent tariffarju varjabbli għal LSIs jista' jiġi kalkolat billi jiġi segwit l-istess approċċ bħal dak għal SIs:
- Ladarba l-LSIs eliġibbli għall-iskont ikunu ġew identifikati, il-komponent tariffarju minimu tagħhom jitnaqqas bin-nofs.
 - Il-komponent varjabbli għal LSIs jżieded bl-ammont totali tal-iskontijiet applikati għal LSIs.
 - Il-komponent tariffarju varjabbli għal LSIs jiġi allokati lid-debituri tariffarji LSI abbażi tal-fatturi tariffarji tagħhom.
49. Il-proposta li jiġi introdott l-iskont fuq il-komponent tariffarju minimu għal LSIs b'assi totali ta' €3 biljun jew inqas mhijiex ikkunsidrata sostenibbli. Kważi 90% tal-LSIs jidħlu f'din il-kategorija, u dan iwassal għal żieda ġenerali fit-tariffa superviżorja ta' dawk li jinsabu qrib tal-limitu massimu (jiġifieri dawk b'assi totali

⁵ Kif spjegat fil-Parti 2.2, in-numri f'din it-taqsimha jservu biss bħala eżempji billi huma bbażati fuq id-dejta tal-2018.

qrib iżda anqas minn €3 biljun) li jeċċedu l-iskont applikat. Għalhekk ittiegħdet id-deċiżjoni li tiġi aċċettata l-proposta għal-limitu ta' €500 miljun.

50. Il-livell attwali tal-komponent tariffarju minimu hu 10% tal-ammont totali li għandu jiġi impost għall-kategorija rispettiva (SIs jew LSIs). Mhuwiex ikkunsidrat xieraq li jiġi determinat valur fiss għall-komponent tariffarju minimu, billi dan jista' jintroduċi fattur varjabbli addizzjonali fil-metodoloġija tal-kalkolu li jkun jeħtieġ li jiġi determinat fuq bażi annwali, jew għall-inqas perjodikament.

3.3 Użu mill-ġdid ta' dejta superviżorja għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja

51. *Għadd ta' tweġibiet issuġġerew bidla fil-proċedura għall-ġbir tal-fatturi tariffarji bl-użu mill-ġdid ta' informazzjoni superviżorja mir-rapporti FINREP u COREP. Il-faċilità li tippermetti lid-debituri tariffarji jaraw id-dejta tal-fattur tariffarju tagħhom fuq il-portal onlajn tat-tariffi superviżorji qabel ma jintużaw biex jiġu determinati t-tariffi superviżorji pagabbli kienet meqjusa bħala kontroll li għandu jibqa'.*
52. Fid-dawl tal-benefiċċji li dan iġib għall-proċess tal-ġbir ġenerali, dawn il-kummenti huma aċċettati.
53. Bħalissa, entitajiet u gruppi taħt superviżjoni jissottomettu l-valur tat-TA u t-TRE tagħhom lill-BĊE kull sena permezz tal-NCAs għad-determinazzjoni tat-tariffa superviżorja pagabbli.
54. Qed jiġi propost li jitwaqqaf il-ġbir speċifiku ta' fatturi tariffarji għall-biċċa l-kbira tad-debituri tariffarji u minflok terġa' tintuża dejta superviżorja rappurtata lill-BĊE permezz tal-NCAs abbażi tar-Regolament (UE) Nru 680/2014⁶ u r-Regolament (UE) 2015/534 għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji.
55. Waqt li l-bidla fil-proċess tal-fatturi tariffarji se tnaqqas il-piż tar-rappurtar għal aktar minn 90% tal-entitajiet u l-gruppi taħt superviżjoni, din mhijiex fattibbli għal:
 - (a) gruppi taħt superviżjoni li jeskludu l-assi ta' sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti⁷ bil-għan li jikkalkulaw it-tariffa superviżorja tagħhom (b'hekk inaqqsu t-tariffa superviżorja pagabbli tagħhom), billi l-BĊE ma jkollux din id-dejta disponibbli minn sorsi oħra;
 - (b) fergħat li jħallsu t-tariffa, stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti minn istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti li mhumiex obbligati jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja skont ir-Regolament (UE) 2015/534. Madankollu, dawn il-fergħat se jkollhom

⁶ Ir-Regolament Implimentattiv tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi standards tekniċi implimentattivi fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

⁷ Ara l-premessa 77 tar-Regolament MSU.

ukoll il-possibbiltà li jiddeterminaw il-fattur tariffarju tal-assi totali tagħhom abbażi tal-valur totali tal-assi kalkolat għal skopijiet prudenzjali jew kif determinat abbażi tal-kontijiet annwali verifikati l-aktar riċenti mħejjija skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) jew liġijiet nazzjonali tal-kontabilità applikabbli jew kif determinat skont l-Artikolu 51(5) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17)⁸.

Dawn iż-żewġ kategoriji jkollhom jibqgħu jisottomettu d-dejta tal-fattur tariffarju tagħhom separatament lill-BĊE permezz tal-NCAs tagħhom skont l-approċċ attwali. L-iskadenzi għas-sottomissjoni tad-dejta tal-fatturi tariffarji lill-BĊE permezz tal-NCAs għandhom jiġu stabbiliti fid-Deċiżjoni dwar il-Fatturi Tariffarji aġġornata.

56. L-ammont ta' xogħol fil-BĊE mistenni jżded, billi se jkunu meħtieġa miżuri addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' proċeduri ġodda u biex tiġi żgurata l-kwalità tad-dejta. Madankollu, il-proċess il-ġdid jelimina stadju ta' verifika eżistenti bħalissa fejn iċ-ċifri provduti minn entitajiet li jħallu t-tariffi jiġu ċċekkjati fil-konfront ta' dawk diġà disponibbli fl-NCAs u l-BĊE. Dan l-istadju ta' verifika jidentifika kwistjonijiet ta' kwalità, u dan jirriżulta f'għadd sinifikanti ta' sottomissjonijiet mill-ġdid ta' dejta superviżorja lill-BĊE.
57. Barra minn hekk, is-suċċess ta' dan il-proċess ġdid jiddependi ħafna mill-konformità tal-entitajiet u l-gruppi taħt superviżjoni mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(4) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 680/2014, fejn jintalab li iċ-ċifri verifikati u korrezzjonijiet oħra għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti fil-ħin.
58. Dawk li wiegħbu jaraw il-faċilità tal-verifika tal-fatturi tariffarji applikata għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja, kif previst fl-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni dwar il-Fatturi Tariffarji, bħala miżura valida u din se tibqa' fil-proċess aġġornat tal-ġbir. It-tul taż-żmien tagħha se jiġi estiż biex id-debituri tariffarji jingħataw aktar żmien biex jikkumentaw dwar il-fatturi tariffarji tagħhom, jekk iqisuhom mhux korretti.
59. Il-BĊE jiddependi minn data referenzjali waħda (31 ta' Diċembru tal-perijodu tariffarju preċedenti) għall-fatturi tariffarji, kif speċifikat fl-Artikolu 10 tar-Regolament. Billi l-BĊE jipprevedi l-użu mill-ġdid ta' dejta superviżorja eżistenti, u fid-dawl taż-żmien emendat tal-fatturazzjoni tat-tariffa superviżorja (ara l-Parti 3.1), hu propost ukoll li l-proċess tal-fatturi tariffarji jiġi estiż biex jinkludi d-debituri tariffarji stabbiliti fid-data referenzjali jew wara.
60. Skont il-metodoloġija attwali, il-BĊE jikkalkola biss komponent tariffarju minimu għal entitajiet bħal dawn, minħabba li d-dejta ma tkunx disponibbli fid-data referenzjali. Għal bidliet li jseħħu wara d-data referenzjali tal-31 ta' Diċembru, iżda qabel l-1 ta' Ottubru tal-perijodu tariffarju, il-BĊE jipproponi li jiddetermina l-komponent tariffarju varjabbli abbażi tad-dejta tar-rappurtar superviżorju

⁸ Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jstabilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali speċifiċi (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

trimestrali disponibbli li jkun imiss. Din il-bidla taffettwa għadd limitat ta' debituri tariffarji li jkun għadhom kif ġew stabbiliti (abbażi ta' esperjenza tal-imgħoddi, dan mistenni jkun ta' madwar 20 entità).

61. Pereżempju, skont il-proċedura attwali, jekk istituzzjoni ta' kreditu tkun għadha kif twaqqfet fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti u tkun ġiet awtorizzata fl-10 ta' Frar 2019, ebda fatturi tariffarji ma jkunu disponibbli, billi l-istituzzjoni ma tkunx għadha twaqqfet fid-data referenzjali (jiġifieri il-31 ta' Diċembru 2018). Għalhekk, it-tariffa superviżorja annwali għall-perijodu tariffarju 2019 għal din l-entità tkun ikkalkulata bl-użu biss tal-komponent tariffarju minimu għall-għadd ta' xhur sħaħ fil-perijodu tariffarju li matulu l-istituzzjoni tkun entità taħt superviżjoni,⁹ jiġifieri l-għaxar xhur minn Marzu 2019 sa Diċembru 2019 inklużi.
62. Skont il-bidla proposta, minbarra l-komponent tariffarju minimu, il-BĊE għandu jqis it-TA u t-TRE rapportati mill-istituzzjoni fir-rapportar superviżorju fl-aħħar ta' Marzu 2019 u jużahom għall-kalkolu ta' komponent tariffarju varjabbli għax-xhur kollha li matulom tariffa superviżorja tkun pagabbli mid-debitur tariffarju (f'dan l-eżempju, l-għaxar xhur minn Marzu 2019 sa Diċembru 2019). Id-debitur tariffarju mbagħad jidhrol fil-proċess standard mill-2020.
63. L-istess metodoloġija għandha tapplika fil-każ ta' fergħa ġdida stabbilita fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stati Membri mhux parteċipanti li hi obligata tirrapporta informazzjoni finanzjarja superviżorja skont ir-Regolament (UE) 2015/534. Fergħat li mhumiex obligati jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja skont ir-Regolament (UE) 2015/534 għandhom jissottomettu din id-dejta lill-BĊE permezz ta' NCAs skont il-proċeduri stabbiliti mill-BĊE.
64. Għal entitajiet stabbiliti wara l-1 ta' Ottubru, it-tariffa superviżorja ċċarġjata tikkonsisti minn komponent tariffarju minimu għall-għadd ta' xhur sħaħ taħt superviżjoni.
65. Il-bidliet fil-proċess għad-determinazzjoni u l-ġbir tal-fatturi tariffarji għandhom jiġu implimentati billi tiġi emendata d-Deċiżjoni dwar il-Fatturi Tariffarji.
66. *Wieħed minn dawk li wieġbu ssuġġerixxa li jiġi estiż il-perijodu soġġett għal tariffi superviżorji biex jinkludi x-xahar meta tieqaf is-superviżjoni.*
67. Bħalissa, meta entità taħt superviżjoni ma tibqax teżisti (eż. minħabba l-irtirar tal-liċenzja tagħha jew l-għeluq ta' fergħa taħt superviżjoni), it-tariffa superviżorja tiġi kalkolata b'referenza għall-għadd ta' xhur sħaħ li matulhom l-entità jew il-grupp taħt superviżjoni kienu taħt superviżjoni.
68. Dan jixbaħ lill-approċċ applikat fil-każ ta' debituri tariffarji b'awtorizzazzjoni ġdida, fejn il-BĊE jiċċarġja tariffa għal kull xahar sħiħ ta' superviżjoni. Billi dan l-approċċ hu meqjus ġust u proporzjonat, is-suġġeriment mhux aċċettat.

⁹ Ara l-Artikolu 7(1) tar-Regolament.

4 Kummenti oħra dwar il-qafas tat-tariffi superviżorji

69. It-taqsimiet li ġejjin fihom il-valutazzjoni tal-BĊE relatata mal-kummenti li waslu fir-rigward tal-proċessi tariffarji li ma jeħtiġux aġġornament tar-Regolament.

4.1 Kamp ta' applikazzjoni

70. *Wieħed minn dawk li wiegħbu esprima l-fehma li l-BĊE m'għandux jimponi tariffi superviżorji fuq entitajiet li mhumiex taħt is-superviżjoni diretta tiegħu (jiġifieri LSIs). Saret enfasi fuq il-fatt li dawn l-entitajiet diġà jħallsu tariffi superviżorji annwali lill-NCAs tagħhom.*
71. Il-BĊE ngħata l-kompitu ta' superviżjoni indiretta tal-LSIs, u dan jinvolvi spejjeż. Għalhekk, dawn l-entitajiet għandhom jiġu ċċarġjati tariffi superviżorji.
72. L-Artikolu 30 tar-Regolament MSU jstipula li l-BĊE għandu jiġbor tariffa superviżorja annwali biex ikopri l-ispiża mġarrba fir-rigward tal-kompiti mogħtija lilu skont l-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament MSU. Dawn l-artikoli jkopru wkoll is-superviżjoni indiretta tal-LSIs.
73. Barra minn hekk, il-premessa 77 tar-Regolament SSM tiċċara li, biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-BĊE minn influwenzi mhux xierqa, l-ispiża tas-superviżjoni għandha tiġġarrab mill-entitajiet soġġetti għaliha. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament MSU, il-BĊE ngħata r-responsabbiltà għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-MSU u l-eżerċizzju ta' sorveljanza fuq il-funzjonament tal-mekkaniżmu, abbażi tad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-BĊE u l-NCAs. Barra dan, il-BĊE ngħata l-kompitu ta' superviżjoni makroprudenzjali fir-rigward ta' SIs u LSIs. Għaldaqstant, it-tariffi jiġu imposti wkoll fuq LSIs li huma taħt is-superviżjoni indiretta tal-BĊE u jkopru l-ispiża mġarrba mill-BĊE fir-rigward tal-kompiti mogħtija lilu bir-Regolament MSU.
74. Skont l-Artikolu 30(5) tar-Regolament MSU, it-tariffi superviżorji tal-BĊE huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-NCAs li jimponu tariffi skont il-liġi nazzjonali.
75. *Wieħed ieħor minn dawk li wiegħbu ssuġġerixxa li jiġu inklużi kumpaniji azzjonarji finanzjarji u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Din l-istess persuna talbet kjarifika dwar l-aspett li t-tariffi superviżorji annwali jiġu kalkolati mill-BĊE fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni biss.*
76. Skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament MSU, il-BĊE jista' jimponi tariffa superviżorja annwali biss fuq istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti u fergħat stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti minn istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti.

77. Il-BĊE hu obbligat bl-Artikolu 30(3) tar-Regolament MSU jikkalkola t-tariffa fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan Stati Membri parteċipanti. L-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan Stati Membri parteċipanti jinkludi wkoll kumpaniji azzjonarji finanzjarji u kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti.

4.2 Fatturi tariffarji

Esklużjoni tal-assi ta' entitajiet stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti u f'pajjiżi terzi

78. *Wieħed minn dawk li wiegħbu ssuġġerixxa emenda tar-Regolament biex ma jiġix permess it-tnaqqis tat-tariffa annwali permezz ta' ċaqliq tal-assi peżati għar-riskju b'mod transkonfinali jew temporanjament fid-data tar-rappurtar jew b'mod permanenti.*
79. Biex tinżamm is-sempliċità fir-rappurtar tal-fatturi tariffarji u jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq entitajiet li jħallsu t-tariffa, dan is-suġġeriment ma sabx appoġġ.
80. L-Artikolu 30(3) tar-Regolament MSU jistabbilixxi li t-tariffi għandhom jiġu kalkolati fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan Stati Membri parteċipanti. Barra minn hekk, il-premessa 77 tar-Regolament MSU tispeċifika li l-kalkolu tat-tariffi għandu jeskludi kwalunkwe fergħa sussidjarja stabbilita fi Stati Membri mhux parteċipanti. Għaldaqstant, bħala regola ġenerali, gruppi taħt superviżjoni għandhom jeskludu l-assi tas-sussidjarji li jinsabu fi Stati Membri mhux parteċipanti u f'pajjiżi terzi.¹⁰ Madankollu, l-ispejjeż tal-produzzjoni tad-dejta meħtieġa jistgħu jkunu għoljin. Għal din ir-raġuni, il-gruppi taħt superviżjoni jingħataw l-għażla li jħallsu tariffa kalkolata abbażi ta' dejta pprovduta fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti, inklużi sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti, anke jekk dan il-kalkolu jista' jirriżulta f'tariffa ogħla.
81. Ta' min jinnota li l-mitigazzjoni tad-distorsjoni tal-fatturi tariffarji li tirriżulta miċ-ċaqliq ta' assi b'mod transkonfinali tkun possibbli iżda ġġib magħha spiża addizzjonali, jew fil-forma ta' piż addizzjonali ta' rappurtar fuq l-entitajiet li jħallsu t-tariffa (rappurtar aktar frekwenti, jew rappurtar aktar kumpless ibbażat fuq perijodu ta' żamma minflok rappurtar f'data speċifika, u proċeduri aktar kumplessi għall-verifika tad-dejta), jew fil-forma ta' restrizzjonijiet fuq il-politika attwali li tippermetti l-esklużjoni ta' sussidjarji fi Stati Membri mhux parteċipanti u f'pajjiżi terzi, ħaġa li ma tkunx konsistenti mal-premessa 77 tar-Regolament MSU.

¹⁰ L-Artikolu 10(3)(c) tar-Regolament.

82. *Risposta oħra ssuġġeriet li l-assi ta' fergħat stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti u f'pajjiżi terzi jistgħu jiġu esklużi għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja bl-istess mod bħal fil-każ ta' dawk is-sussidjarji stabbiliti f'tali pajjiżi.*
83. L-Artikolu 30(3) tar-Regolament MSU jistabbilixxi li t-tariffi għandhom jiġu kalkolati fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan Stati Membri parteċipanti. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-assi tal-fergħat stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti u f'pajjiżi terzi minn istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti jiġu inklużi għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji.

Determinazzjoni tal-fatturi tariffarji

84. *Bosta minn dawk li wieġbu għamlu suġġerimenti dwar il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-fatturi tariffarji. Is-suġġerimenti kienu li:*
- (a) *jiġu inklużi fatturi tariffarji addizzjonali għad-determinazzjoni tat-tariffa superviżorja annwali, bħalma huma l-għadd ta' ġurisdizzjonijiet fejn l-entità hi attiva, l-għadd ta' entitajiet legali fi ħdan grupp konsolidat, jew sforzi differenzjati skont il-kategorija prevalenti ta' riskju espressa fl-ispiża tal-kapital;*
- (b) *jiġi eskluż self promozzjonali mit-TA;*
- (c) *jiġi kalkolat TRE skont il-metodu standardizzat (għall-kuntrarju tal-mudell intern);*
- (d) *jiġi aġġustat il-fattur tariffarju TRE b'ko-effiċjent determinat mill-proporzjon tar-rata tal-P2R+P2G tal-entità¹¹ għar-rata medja P2R+P2G tal-grupp rilevanti.*
85. Karatteristika komuni ta' dawn is-suġġerimenti hi li jqajmu kwistjonijiet dwar id-disponibbiltà, l-affidabbiltà jew l-oġġettività tad-dejta u għalhekk mhumiex aċċettati.
86. Ir-Regolament MSU jispeċifika li t-tariffi superviżorji għandhom ikunu bażati fuq kriterji oġġettivi relatati mal-importanza u l-profil tar-riskju ta' entità taħt superviżjoni, inklużi l-assi tagħha ppeżati għar-riskju. Meta għażel l-aħjar miżuri għal dawn il-kriterji, il-BĊE fittex li jħaffef kemm jista' jkun il-piż amministrattiv u operazzjonali għall-entitajiet kollha taħt superviżjoni. Il-miżuri magħżula ta' TA u TRE huma diġà parti mill-qafas tar-rappurtar superviżorju, huma definiti sew u, għall-biċċa l-kbira tal-entitajiet taħt superviżjoni, huma verifikati.
87. Id-devjazzjoni minn dawn il-miżuri robusti tista' tintroduċi spejjeż għoljin ta' implimentazzjoni kemm għall-BĊE kif ukoll għad-debituri tariffarji, bħalma hi l-verifika tad-dejta minn partijiet terzi indipendenti.

¹¹ P2R: Rekwiżit Pilastru 2; P2G: Gwida Pilastru 2.

88. Barra minn hekk, il-bidliet suġġeriti jillimitaw il-potenzjal tal-BĊE biex jimplimenta r-razzjonalizzazzjoni tal-proċess tal-ġbir tad-dejta (spjegat fil-Parti 3.3), billi għal xi miżuri jkun meħtieġ qafas speċifiku ta' rappurtar.

Fatturi tariffarji għal fergħat li jħallsu t-tariffa

89. *Wieħed li wieġeb issuġġerixxa li t-TRE għandu jiġi impost fuq fergħat li jħallsu t-tariffa u għandu jitqies fil-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali. Xi wħud minn dawk li wieġbu ssuġġerew li għall-fergħat li jħallsu t-tariffa, il-piż tal-fattur tariffarju TA jiġi emendat għal 100%.*
90. Dawn is-suġġerimenti ma sabux appoġġ, billi hu stmat li n-nuqqas ta' disponibbiltà ġenerali tad-dejta u l-ispejjeż finanzjarji sostanzjali biex tiġi valutata d-dejta jkunu sproporzjonati meta mkejla fil-konfront tal-kriterji oġġettivi tal-importanza u l-profil tar-riskju tal-entitajiet ikkonċernati.
91. Il-fattur tariffarju TRE ġeneralment mhux disponibbli għall-fergħat. Għalhekk ikun rekwiżit ta' piż kbir wisq għal dawk l-entitajiet biex jikkalkulaw il-valur TRE. Barra dan, billi dawn l-entitajiet mhumiex obbligati jipprovdu din id-dejta skont l-oqfsa tar-rappurar armonizzat tad-dejta statistika, ikun diffiċli u ta' spiża kbira għall-BĊE biex jivvalida d-dejta.
92. FI-2018 il-BĊE impona tariffi fuq inqas minn 200 fergħa li jħallsu t-tariffa. Waqt li huma minoranza mdaqqsqa, għandu jiġi rikonoxxut li l-biċċa l-kbira huma LSIs b'assi totali ta' inqas minn €3 biljun. Iż-żieda fl-ispejjeż għall-fergħat li jħallsu t-tariffa u għall-BĊE assoċjata ma' dawn is-suġġerimenti hi meqjusa sproporzjonata fid-dawl tat-tariffi annwali totali miġbura mingħand dawn l-entitajiet, li ammontat għal madwar 1% tat-total miġbur fl-2018.
93. L-użu ta' TA ppeżat f'livell ta' 50% bħala fattur tariffarju uniku għall-fergħat hu kkunsidrat konformi mal-proporzjonalità tal-attivitajiet superviżorji.
94. *Wasal suġġeriment li l-fergħat li jħallsu t-tariffa jiġu ġeneralment esklużi mis-sottomissjoni obligatorja tal-verifika ta' awditur tal-kontijiet finanzjarji tagħhom, billi tali dejta statistika dwar il-fergħat tipikament mhux meħtieġ li tkun verifikata għal skopijiet oħra ta' kontabilità jew rappurtar. Min bagħat dan is-suġġeriment spjega li l-ispiża biex tinkiseb tali verifika spiss tkun oġhla mit-tariffa imposta.*
95. Skont il-prinċipju li l-ispejjeż biex tiġi pprovduta d-dejta meħtieġa m'għandhomx ikunu sproporzjonati fil-konfront tat-tariffi imposti, il-BĊE jipproponi li jemenda dan ir-rekwiżit fid-Deċiżjoni dwar il-Fatturi Tariffarji aġġornata. Il-fergħat li jħallsu t-tariffa jkunu meħtieġa jissottomettu ittri tal-maniġment li jħassru l-assi totali li għandhom jintużaw għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali. Tali ittri tal-maniġment ikun meħtieġ li jintbagħtu mill-fergħat kollha li jħallsu t-tariffa, irrispettivament minn jekk il-fattur tariffarju tal-assi totali jkunx ġie determinat abbażi tal-valur totali tal-assi rapportati għal għanijiet prudenzjali, il-kontijiet annwali l-aktar reċenti mħejjija skont l-IFRS jew liġijiet nazzjonali tal-kontabilità

applikabbli jew il-valur totali tal-assi kif determinat skont l-Artikolu 51(5) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

96. Skont il-qafas legali attwali, il-fergħat li jħallsu t-tariffa huma obbligati jissottomettu t-TA tagħhom abbażi ta' dejta statistika rappurtata skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013¹², fejn hu meħtieġ li d-dejta rappurtata tkun ċertifikata minn awditur li jwettaq verifika xierqa tal-kontijiet finanzjarji tal-fergħa.
97. Hu meqjus li b'din il-proċedura emendata l-integrità tal-proċess tal-kalkolu tat-tariffi se tibqa' tiġi żgurata waqt li tikkontribwixxi għall-imparzjalità tal-qafas superviżorju.

4.3 Spiża tas-superviżjoni

98. L-irkupru tal-ispiża mġarrba mill-BĊE għat-twertiq tal-kompiti superviżorji tiegħu hu previst fl-Artikolu 30 tar-Regolament MSU. Għalkemm l-ispiża tas-superviżjoni kienet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2017, il-BĊE rċieva għadd ta' kummenti f'dan ir-rigward. Billi r-rieżami tar-Regolament mhux maħsub biex ibiddel ir-Regolament MSU, kwalunkwe emenda proposta għandha tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament MSU.
99. *Xi wħud minn dawk li wieġbu ssuġġerew it-twaqqif ta' kumitat jew struttura superviżorja oħra għall-monitoraġġ tal-ammont tat-tariffi superviżorji u l-baġit tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE. B'mod parallel, ftit minn dawk li wieġbu għamlu sejħa għal moderazzjoni tal-ispejjeż tal-BĊE u għal limitu tad-dipendenza fuq konsulenti esterni.*
100. Ir-Regolament MSU jstipula fid-dettall l-obbligi ta' rappurtar, verifika u komunikazzjoni tal-BĊE fir-rigward tat-tariffi superviżorji u jsemmi espliċitament tħassib dwar l-indipendenza tal-funzjoni superviżorja tiegħu¹³ fir-rigward tar-riżorsi. Il-premessa 77 tar-Regolament MSU ittenni l-importanza tal-indipendenza, waqt li tiddikjara li r-riżorsi tal-BĊE għandhom jinkisbu b'mod li jiżgura l-indipendenza tal-BĊE minn influwenzi mhux xierqa mill-NCAs u mill-parteċipanti tas-suq.
101. Il-BĊE hu impenjat bis-sħiħ għall-użu prudenti, effettiv u effiċjenti tar-riżorsi tiegħu. L-istruttura tal-governanza stabbilita ġiet stipulata fil-Parti D.3.1 tal-[istqarrija dwar ir-reazzjonijiet](#) ippubblikata wara l-konsultazzjoni dwar l-abbozz tar-Regolament fl-2014.
102. *Suġġeriment ieħor kien li kull sena l-BĊE għandu jippubblika informazzjoni dettaljata dwar l-użu tar-riżorsi tiegħu, l-ispejjeż assoċjati u l-attribuzzjoni ta'*

¹² Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tal-qasam tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulat) (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

¹³ Premessi 75 u 77 tar-Regolament MSU.

dawk l-ispejjeż lil SIs u LSIs. Oħrajn sejħu għal tbassir ta' nofs il-perijodu tal-baġit tal-BĊE.

103. Il- BĊE jaċċetta dawn il-kummenti parzjalment.
104. Bi tweġiba għall-kummenti li waslu fil-konsultazzjoni tal-2017 dwar it-trasparenza fir-rigward tal-użu li jagħmel il-BĊE mir-riżorsi superviżorji u l-qsim tat-tariffi totali bejn l-SIs u l-LSIs, il-BĊE kompli jsaħħaħ ir-rappurtar tiegħu dwar l-aspetti baġitarji u tariffarji fir-[Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji](#) u fil-[websajt tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE](#).
105. Dawn il-miżuri jinkludu analiżi aktar dettaljata tal-ispejjeż bażi tat-tariffi superviżorji u spjegazzjonijiet tal-kawżi ewlenin taż-żidiet fl-ispejjeż fuq il-paġna tat-[Tariffi totali annwali](#) tal-websajt. Kontenut dettaljat ġdid dwar l-ispejjeż superviżorji ġie introdott ukoll fir-[Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji](#). L-ispejjeż huma rapportati għal kull attività superviżorja, fejn jidher l-iżvilupp minn sena għal sena. Waqt li l-kontenut tal-websajt jiġi aġġornat b'mod parallel mal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni annwali dwar l-ammont totali li għandu jiġi impost għall-perijodu tariffarju kurrenti fl-aħħar ta' April, ir-Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji, li jiġi ppubblikat f'Marzu ta' kull sena, jiffoka fuq iċ-ċifri attwali għall-perijodu tariffarju ta' qabel. Flimkien, dawn iż-żewġ sorsi jipprovdu stampa komprensiva tal-ispejjeż ipplanati u dawk attwali tas-superviżjoni bankarja Ewropea, u b'hekk jiffaċilitaw għarfien aħjar fost l-entitajiet u l-gruppi taħt superviżjoni.
106. Il-BĊE jaqbel mal-fehma li tbassir ta' nofs il-perijodu tal-baġit ikun ta' għajjnuna fil-kuntest tal-proċeduri tariffarji. Għalkemm l-ispiża għal kompiti regolari saret stabbli, is-sitwazzjoni attwali għadha karatterizzata minn kompiti straordinarji (eż. RieżamiSpeċifiku tal-Mudelli Interni) u żviluppi mhux previsti (eż. Brexit). Għaldaqstant, il-forniment ta' tbassir ta' nofs il-perijodu se jitqies għal rappurtar futur.
107. F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkunsidrat ukoll ix-xogħol li għamel fl-imġhoddi l-BĊE biex jipprovdi stimi affidabbli. Pereżempju, it-tbassir deskritt fid-[dokument tal-konsultazzjoni pubblika f'Mejju 2014](#) ġie konfermat mill-iżviluppi attwali (eż. li l-qasma bejn SIs u LSIs kellha tkun ta' madwar 85% sa 15% u li t-tariffi medji kellhom ikunu bejn €0.7 miljun u €2.0 miljun għal SIs u bejn €2,000 u €7,000 għal LSIs).
108. Jekk il-proposta għal bidla favur fatturazzjoni ex post tat-tariffi superviżorji (Parti 3.1) tiġi implimentata, il-BĊE jibqa' jippubblika stima tal-ispejjeż annwali totali kull sena fir-Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji. Waqt qed jiġi propost li t-tariffi superviżorji annwali pagabbli jiġu allokati fl-ewwel sitt xhur tas-sena ta' wara abbażi tal-ispejjeż attwali, din l-istima sservi bħala bażi għad-debituri tariffarji biex jikkalkulaw il-provvedimenti finanzjarji tagħhom skont l-istadji stabbiliti fil-paġna tal-websajt tal-BĊE dwar is-Superviżjoni Bankarja [lkkalkula t-tariffa tiegħek](#).

109. *Wieħed minn dawk li wieġbu esprima l-aspettattiva ta' tnaqqis tat-tariffi superviżorji fil-livell nazzjonali, billi xi kompiti kienu ġew trasferiti mill-NCAs lill-BĊE.*
110. Skont l-Artikolu 30(5) tar-Regolament MSU, id-dispożizzjonijiet dwar it-tariffi superviżorji huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-NCAs li jimponu tariffi. Għalhekk, il-BĊE m'għandu ebda influwenza fuq id-daqs tat-tariffi superviżorji nazzjonali jew fuq liema spejjeż superviżorji jiġu ċċarġjati lill-entitajiet u gruppi taħt superviżjoni fuq il-livell nazzjonali.
111. *Tnejn minn dawk li wieġbu talbu kjarifika dwar l-inklużjoni tat-tariffi li ma jistgħux jinġabru għal perijodi tariffarji preċedenti fil-kalkolu tal-ispejjeż annwali. Fehma waħda kienet li dawn it-tariffi m'għandhomx iżidu t-tariffi superviżorji tal-istituzzjonijiet kollha.*
112. Il-BĊE hu obbligat ikopri l-ispiża mġarrba fir-rigward tal-kompiti superviżorji tiegħu kif deskritt fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament MSU. L-esklużjoni ta' tariffi li ma jistgħux jinġabru ma tkunx konsistenti ma' din id-dispożizzjoni.
113. Il-BĊE hu impenjat li jiżgura proċedura valida ta' fatturazzjoni u għandu għadd ta' strumenti għad-dispożizzjoni tiegħu biex jibqa' jsegwi n-nuqqas ta' ħlas. Dawn jinkludu proċedura bir-reqqa ta' tfakkir metodiku u segwitu legali jekk il-ġbir ma jirnexxix. Imgħaxijiet fuq ħlas li jsir tard jakkumulaw kuljum mid-data tal-iskadenza.
114. Ġeneralment il-BĊE jirnexxilu jiġbor it-tariffi superviżorji tiegħu, b'rati ta' ġbir ta' aktar minn 99%. S'issa ammonti żgħar biss huma pendenti u l-proċeduri ta' segwitu relatati għandhom ma ġewx eżawriti. Id-dħul riċevibbli minn imgħax fuq ħlas li jasal tard inaqqas it-tariffa globali li għandha tiġi imposta f'sena partikolari.
115. It-tariffi jiġu kkunsidrati bħala li ma jistgħux jinġabru skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli. Għalhekk it-tariffi li ma jkunux tħallsu minn entitajiet u gruppi taħt superviżjoni jitqiesu bħala li ma jistgħux jinġabru meta jitħassru. L-ammont imħassar jiżdied mat-tariffa superviżorja annwali li jmiss, kif previst fl-Artikolu 5(3)(a) tar-Regolament. Jekk it-tariffa tifhallas sussegwentement, l-ammont li jitħallas jintuża biex titnaqqas it-tariffa superviżorja annwali fis-sena ta' wara.

4.4 **Rwol tad-debitur tariffarju**

116. *Xi wħud minn dawk li wieġbu ssuġġerew kjarifika fl-Artikolu 4 tar-Regolament fir-rigward tan-nomina tad-debitur tariffarju mill-BĊE. Għalkemm hu mifhum id-dritt tal-BĊE li jiddetermina debitur tariffarju, dawk li wieġbu jipproponu li dan id-dritt għandu jkun limitat għal każijiet fejn il-grupp ta' entitajiet li jħallsu t-tariffa jkun naqas milli jinnomina d-debitur tariffarju.*

117. Il-BĊE jeħtieġ li jkollu d-dritt li jiddetermina unilateralment id-debitur tariffarju f'każi eċċezzjonali. Eżempji ta' eċċezzjonijiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal każi fejn id-debitur tariffarju ma jissodisfax l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-BĊE, u l-grupp li jonqos milli jinnomina debitur tariffarju fil-ħin. Għalhekk ebda bidla mhi proposta għall-Artikolu 4. Id-debitur tariffarju hu individwalment responsabbli għall-ħlas tat-tariffa superviżorja għall-entitajiet taħt superviżjoni kollha tal-grupp, u m'hemm ebda responsabbiltà konġunta tal-entitajiet taħt superviżjoni fi ħdan il-grupp fir-rigward tal-obbligu tal-ħlas tat-tariffa superviżorja.
118. Il-BĊE jeżerċita dan id-dritt bil-prudenza. Sal-lum, dan id-dritt intuża biss darbtejn, għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji fl-2015 meta l-entitajiet ikkonċernati kienu naqsu milli jinnominaw debitur tariffarju.
119. *Tnejn minn dawk li wieġbu qed jitolbu kjarifika dwar meta għandha tintuża l-formola simplifikata tan-nomina tad-debitur tariffarju, minflok il-formola standard tan-nomina tad-debitur tariffarju.*
120. Il-formola tan-notifika tad-debitur tariffarju simplifikata mhix se tibqa' meħtieġa skont il-proċedura proposta għan-nomina tad-debitur tariffarju.
121. L-istituzzjonijiet kollha li jħallsu t-tariffa u li huma parti minn grupp taħt superviżjoni għandhom jinnominaw entità waħda għall-ħlas tat-tariffa li taġixxi bħala d-debitur tariffarju f'isem il-grupp kollu. Il-gruppi jinnominaw id-debitur tariffarju billi jibagħtu lill-BĊE l-formola standard ta' notifika tad-debitur tariffarju bil-posta. Din tkun valida biss jekk:
- (a) tagħti l-isem tal-grupp kopert bin-notifika;
 - (b) tkun iffirmata mid-debitur tariffarju f'isem l-entitajiet kollha taħt superviżjoni tal-grupp;
 - (c) tasal għand il-BĊE mhux iżjed tard mit-30 ta' Settembru tal-perijodu tariffarju (biex tiġi kkunsidrata għall-ħruġ tan-notifika tariffarja fir-rigward ta' dak il-perijodu tariffarju).
122. Qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' tariffi superviżorji, il-gruppi taħt superviżjoni huma obbligati jissottomettu (i) kwalunkwe tibdil fid-debitur tariffarju nominat, u (ii) fejn applikabbli, il-kunsens espliċitu tas-sussidjarji li jkun għandhom kif ingħaqdu mad-debitur tariffarju nominat. Skont id-dispożizzjonijiet attwali huma għandhom jagħmlu dan mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena. Għal skop ta' konsistenza mal-bidla favur fatturazzjoni ex post, hu propost li din l-iskadenza tiċċaqlaq għat-30 ta' Settembru ta' kull sena.
123. L-Artikolu 13(1) tar-Regolament jistipula li d-debitur tariffarju hu responsabbli li jżomm aġġornati d-dettalji tal-kuntatt għall-ħruġ tan-notifika tariffarja u għandu jikkomunika lill-BĊE kwalunkwe tibdil f'dawn id-dettalji.

4.5 Kjarifiki dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja individwali

Komponent tariffarju minimu

124. *Xi wħud minn dawk li wieġbu ssuġġerew li, għall-istima tal-komponent tariffarju minimu mill-entitajiet taħt superviżjoni, il-BĊE għandu jiċċara d-data referenzjali għall-għadd ta' debituri tariffarji inklużi fil-kalkolu.*
125. L-għadd medju ta' debituri tariffarji kkunsidrati fil-kalkolu tat-tariffa superviżorja diġà sar disponibbli u jinsab fil-paġna [Ikkalkula t-tariffa tiegħek](#) tal-websajt tal-BĊE dwar is-Superviżjoni Bankarja.
126. Id-debituri tariffarji jistgħu jsegwu l-algoritmu disponibbli fil-paġna biex jikkalkolaw it-tariffa tagħhom b'mod aktar preċiż. Għall-konvenjenza, huma pprovduti wkoll ekwazzjonijiet kampjun fejn l-entitajiet jistgħu jissostitwixxu d-dejta tal-fattur tariffarju tagħhom stess biex jikkalkolaw it-tariffa superviżorja pagabbli tagħhom. Il-BĊE biħsiebu jġedded id-dejta fuq il-paġna kull sena bejn wieħed u ieħor fiż-żmien meta tinħareġ in-notifika tariffarja annwali biex jiffaċilita l-kalkoli tad-debituri tariffarji.
127. Il-BĊE jikkalkula t-tariffa superviżorja fuq bażi ta' kull xahar biex iqis bidliet fil-popolazzjoni ta' entitajiet u gruppi taħt superviżjoni bħala riżultat ta' istituzzjonijiet awtorizzati reċentement, irtirar ta' liċenzji u bidliet fl-istatus ta' superviżjoni minn sinifikanti għal inqas sinifikanti jew viċi versa.
128. Madankollu, il-BĊE jwissi li teħtieġ kawtela; ebda stima tariffarja ma tista' tkun preċiża minħabba l-għadd ta' entitajiet u gruppi taħt superviżjoni u, għaldaqstant, l-għadd ta' debituri tariffarji qed jinbidel kontinwament. Barra minn hekk, jistgħu jsiru korrezzjonijiet retro-attivi fit-tariffi superviżorji jekk is-sitwazzjoni ta' bank tinbidel wara d-data tal-għeluq għall-kalkolu annwali tat-tariffi superviżorji.
129. *Wieħed minn dawk li wieġbu ssuġġerixxa li l-BĊE għandu jippubblika fajl Excel li jista' jitniżżel u li jkun fih informazzjoni ewlenija għall-parteċipanti kollha tas-suq, bħal isem, status superviżorju, assi totali u assi peżati għar-riskju.*
130. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità l-BĊE mhuwiex f'pożizzjoni li jippubblika dejta dwar banek individwali. Madankollu, ġie nnotat li l-kumment sar fil-kuntest tat-titjib tal-kalkolu tat-tariffa superviżorja pagabbli, li l-KE indirizzat fil-miżuri msemmija hawn fuq.

Komponent tariffarju varjabbli

131. *Xi wħud minn dawk li wieġbu talbu kjarifika dwar jekk l-iskont għal SIs iżgħar b'assi totali ta' inqas minn €10 biljun jimplikax żieda fil-komponent tariffarju varjabbli.*

132. Bi twegħiba għal dawn il-kummenti, il-BĊE inkluda spjegazzjoni fil-paġna [Ikkalkola t-tariffa tiegħek](#) tal-websajt tal-BĊE dwar is-Superviżjoni Bankarja.
133. Hu kkonfermat li l-ammont tal-iskont għal SIs iżgħar jiżdied mal-ammont li għandu jiġi rkuprat permezz tal-komponent tariffarju varjabbli. Dan jirriżulta mill-Artikolu 10(6)(c) tar-Regolament, li jistipula: “Il-komponent tariffarju varjabbli hu d-differenza bejn l-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għal kull kategorija ta’ entitajiet taħt superviżjoni [...] u l-komponent tariffarju minimu għall-istess kategorija.”
134. Il-passi tekniċi segwiti fil-proċess jiġu applikati wkoll għall-iskont fuq il-komponent tariffarju minimu għal LSIs iżgħar, kif speċifikat fil-Parti 3.2.

Oħrajn

135. *Wieħed minn dawk li wiegħbu ssuġġerixxa li għandhom jiġu kkunsidrati tariffi speċifiċi għal kompiti speċifiċi/mhux rikorrenti u li titqassam biss l-ispiża li jifdal fost l-entitajiet taħt superviżjoni kollha.*
136. L-Artikolu 30(3) tar-Regolament MSU jispeċifika biċ-ċar il-kriterji oġġettivi li fuqhom huma bbażati t-tariffi superviżorji, jiġifieri l-importanza u l-profil tar-riskju, inklużi l-assi peżati għar-riskju.
137. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta’ lista ta’ kompiti li għalihom jistgħu japplikaw tariffi speċifiċi, iż-żamma ta’ metodoloġija kumplessa tal-ispejjeż u t-twaqqif ta’ proċess separat ta’ fatturazzjoni biex jiġu indirizzati dawn t-tariffi, jkunu jinvolvu piż amministrattiv konsiderevoli, li l-ispejjeż tiegħu jkunu jridu jiżdiedu mal-ammont totali li għandu jiġi impost.

4.6 Proċeduri ta’ fatturazzjoni u ħlas

138. *Wieħed minn dawk li wiegħbu talab tnaqqis fir-rata tal-imgħax fuq ħlasijiet li jsiru tard mir-rata ewlenija ta’ rifinanzjament ta’ bħalissa tal-BĊE, flimkien ma’ 8 punti perċentwali għal rata fissa ta’ imgħax ta’ mhux aktar minn 6% jew, preferibbilment, rata varjabbli b’żieda ta’ 2%. Wieħed ieħor li wiegħeb issuġġerixxa li jiżdiedu t-termini tal-ħlas għat-tariffi superviżorji minn 35 jum għal 45 jum.*
139. Dawn il-kummenti ma sabux appoġġ.
140. Ir-rata attwali, jiġifieri r-rata ewlenija ta’ rifinanzjament tal-BĊE flimkien ma’ 8 punti perċentwali, hi bbażata fuq id-Direttiva 2011/7/UE¹⁴, li tispeċifika li l-imgħax statutorju pagabbli għandu jkun daqs is-somma tar-rata referenzjali u għall-inqas 8 punti perċentwali. Waqt li hu rikonoxxt li d-Direttiva għandha l-

¹⁴ Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 48, 23.2.2011 p.).

għan li tiġġieled id-dewmien fil-ħlasijiet fi tranżazzjonijiet kummerċjali u għalhekk ma tapplikax direttament għall-ġbir ta' tariffi superviżorji, hi meqjusa bħala gwida xierqa għad-determinazzjoni tar-rata tal-imgħax għal ħlas li jsir tard fir-Regolament.

141. Ta' min jiftakar ukoll li l-imgħax li jidħol fuq ħlasijiet li jsiru tard jintuża biex inaqqas it-tariffi superviżorji annwali imposti f'perijodi sussegwenti.
142. Kif imfisser fl-[istqarrija dwar reazzjonijiet](#) għall-konsultazzjoni dwar l-abbozz inizjali tar-Regolament fl-2014, il-BĊE jikkunsidra li 30 jum huma biżżejjed biex kull bank jipproċessa u jħallas il-fatturi. Ingħataw ħamest ijiem addizzjonali biex jiġi żgurat li d-debituri tariffarji jkollhom it-30 jum kollha biex jipproċessaw il-ħlasijiet. B'kont meħud tal-fatt li l-fatturi jinħarġu permezz ta' portal onlajn u jiġu notifikati bl-email, il-parti l-kbira tal-ħamest ijiem addizzjonali tista' tintuża għall-proċessi interni tad-debitur tariffarju. L-esperjenza turi wkoll li għadd żgħir biss ta' banek għandhom diffikultajiet biex jikkonformaw ma' din l-iskadenza. Għalhekk, is-suġġeriment li jingħataw 45 jum hu miċħud.
143. *Sett ieħor ta' kummenti ssuġġerixxa l-inklużjoni ta' informazzjoni addizzjonali fin-notifika tariffarja bil-ħsieb li jitjeb l-għarfien tat-tariffa superviżorja pagabbli li tkun ġiet imposta.*
144. Dan il-kumment hu parzjalment aċċettat.
145. Fir-rigward tal-mezzi għat-trażmissjoni ta' informazzjoni addizzjonali, hu maħsub li l-websajt tal-BĊE dwar is-Superviżjoni Bankarja hi l-aħjar mezz biex jintlaħaq il-pubbliku. Konsegwentement, il-BĊE tejjeb l-informazzjoni disponibbli fuq il-websajt biex it-tariffa superviżorja tkun tista' tiġi kalkolata b'mod aktar preċiż.

4.7 Lingwa tan-notifika tariffarja

146. *Wieħed minn dawk li wieġbu talab li n-notifika tariffarja tinħareġ bil-lingwa tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità taħt superviżjoni, waqt li jiġi rikonoxxut li l-BĊE diġà jipprovdni verżjonijiet tradotti tan-notifika tariffarja fuq il-websajt tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE.*
147. Dan il-kumment sab appoġġ.
148. Bħalissa l-BĊE joħroġ korrispondenza relatata mat-tariffi bl-Ingliż, u jipprovdni traduzzjonijiet ta' konvenjenza tal-komunikazzjonijiet tal-massa kollha lill-entitajiet u l-gruppi taħt superviżjoni, inkluża n-notifika tariffarja.
149. Il-forniment tan-notifika tariffarja bl-Ingliż jista' jkun ta' piż għal LSIs iżgħar b'riżorsi limitati ta' staff. Waqt li jqis dan il-fatt, il-BĊE qed jikkunsidra soluzzjoni biex jiffaċilita l-ħruġ tan-notifika tariffarja bil-lingwi uffijjali kollha tal-UE.
150. Bidla fil-prattika attwali tista' żżid il-piż operazzjonali fuq il-BĊE (għall-iżviluppi ta' darba meħtieġa fl-IT u fin-negożju u l-isforz kontinwu ta' manutenzjoni). Id-

debituri tariffarji se jkollhom l-opportunità li jesprimu l-preferenzi lingwistiċi tagħhom permezz ta' proċess speċifiku. Il-BĊE se joħroġ komunikat speċjali lid-debituri tariffarji biex jibda l-ġbir ta' preferenzi, u biex jipprovdi informazzjoni dwar id-dettalji u l-aspetti operazzjonali tal-proċess aġġornat.

151. Il-proċess il-ġdid mistenni li jibda jaħdem fl-istess ħin tal-fatturazzjoni ex post, jiġifieri għan-notifiki tariffarji għall-2020 (fatturati fl-2021).

4.8 Kummenti oħra

152. *Tnejn minn dawk li wieġbu talbu kjarifika li d-dħul li jasal mill-penali imposti mill-BĊE skont dan ir-Regolament ikun jista' jmur biss fil-baġit tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE, u mhux fil-baġit ġenerali tal-BĊE.*

153. Il-pożizzjoni tal-BĊE dwar din il-kwistjoni baqgħet l-istess sa mill-2014. L-inklużjoni ta' dħul li jasal minn sanzjonijiet monetarji fil-baġit tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE hu kkunsidrat mhux xieraq għar-raġunijiet li ġejjin:

- (a) Ir-Regolament MSU ma jipprovdi bażi legali biex jitnaqqsu t-tariffi bid-dħul li jirriżulta minn sanzjonijiet. L-Artikolu 30(1) tar-Regolament MSU jispeċifika li l-ispiża mġarrba għandha tiġi rkuprata permezz ta' tariffi, iżda ma jipprovdi għal tnaqqis minħabba dħul monetarju li jasal.
- (b) L-għan tas-sanzjonijiet monetarji hu li jippenalizza entitajiet u gruppi taħt superviżjoni wara ksur ta' obbligi superviżorji. It-tnaqqis tat-tariffi bid-dħul derivat minn sanzjonijiet ikun ifisser li entitajiet u gruppi taħt superviżjoni (inklużi dawk li fuqhom huma imposti sanzjonijiet) jiksbu benefiċċju minn mgħiba ħażina.
- (c) Il-BĊE qabel dwar trattament ugwali għad-danni mħallsa mill-BĊE u dħul derivat minn sanzjonijiet, li jfisser li la d-danni pagabbli lill-partijiet terzi u lanqas sanzjonijiet pagabbli lill-BĊE ma jinfluwenzaw it-tariffa superviżorja.

154. *Xi wħud oħra minn dawk li wieġbu sejħu għall-pubblikazzjoni simultanja ta' informazzjoni relatata mat-tariffi fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti kollha tal-websajt tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE.*

155. Il-BĊE jaqbel u jagħmel ħiltu biex jippubblika l-verżjonijiet lingwistiċi kollha fl-istess ħin. It-taqsimha tal-websajt tal-BĊE dwar is-Superviżjoni Bankarja hi strument essenzjali biex tingħata informazzjoni rilevanti u aġġornata lid-debituri tariffarji. Il-kontenut tat-taqsimha jiġi aġġornat regolarment, waqt li jitqiesu l-mistoqsijiet li jkunu waslu mingħand entitajiet u gruppi taħt superviżjoni permezz tal-kaxxa postali speċifika u l-linja telefonika għal għajnuna dwar it-tariffi superviżorji.



REGOLAMENT (UE) SSSS/[XX*] TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW
ta' [data Xahar XXXX]
li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1163/2014 dwar it-tariffi superviżorji
[(BĊE/SSSS/XX)]

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jagħti kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu¹, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3), l-Artikolu 30 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika u l-analiżi li saret skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013,

Billi:

Ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/41)² jistabbilixxi l-arranġamenti għall-kalkolu tal-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali li għandhom jiġu imposti fir-rigward ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni; il-metodoloġija u l-kriterji għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali mġarrba minn kull entità taħt superviżjoni u grupp taħt superviżjoni; u l-proċedura għall-ġbir mill-BĊE tat-tariffi superviżorji annwali.

- (1) L-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41) jirrikjedi li l-BĊE jagħmel rieżami ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari, fir-rigward tal-metodoloġija u l-kriterji għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali li għandhom jiġu imposti fuq kull entità taħt superviżjoni u grupp taħt superviżjoni sal-2017.
- (2) Fit-2 ta' Ġunju 2017 il-BĊE nieda konsultazzjoni pubblika miftuħa bl-għan li jiġbor il-kummenti mingħand il-partijiet interessati bil-ħsieb li jiġi evalwat it-titjib possibbli fir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41). Il-konsultazzjoni pubblika ntemmet fl-20 ta' Lulju 2017.
- (3) Filwaqt li kkunsidra t-tweġibiet riċevuti, il-BĊE għamel rieżami tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41) u kkonkluda li r-Regolament għandu jiġi emendat.

¹ ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

² Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41) (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 23).

- (4) B'mod partikolari, il-BĊE iddeċieda li ma jibqax jeżiġi l-ħlas bil-quddiem tat-tariffi superviżorji annwali. It-tariffi għandhom jiġu imposti biss wara li jintemm il-perijodu tariffarju rilevanti meta l-kosti annwali attwali jkunu ġew iddeterminati. Id-data ta' referenza għall-fatturi tariffarji għandha, bħala regola ġenerali, tibqa' l-31 ta' Diċembru tal-perijodu tariffarju preċedenti biex ikun hemm żmien suffiċjenti għall-validazzjoni tal-fattur tariffarju.
- (5) Għall-parti l-kbira tad-debituri tariffarji, il-BĊE diġà jirċievi l-informazzjoni dwar l-assi totali u l-iskopertura tar-riskju totali skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014³ u r-Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/13)⁴. Din l-informazzjoni hija faċilment disponibbli għall-użu fil-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali tagħhom. Il-ġbir dedikat tal-fatturi tariffarji għal dawn id-debituri tariffarji għandu għalhekk jieqaf.
- (6) Barra minn hekk, il-BĊE iddeċieda li jnaqqas it-tariffi superviżorji li jridu jitħallsu minn entitajiet taħt superviżjoni inqas sinifikanti u gruppi taħt superviżjoni inqas sinifikanti b'assi totali ta' EUR 500 miljun jew inqas. Għal dan il-għan, il-komponent tat-tariffa minima għal dawn l-entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni għandu jitnaqqas bin-nofs.
- (7) Barra minn hekk, l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41) mill-2014 'l hawn uriet li xi kjarifiki u emendi tekniċi għal dak ir-Regolament huma xierqa.
- (8) Huwa meħtieġ li jiġu previsti arranġamenti tranżitorji fir-rigward tal-perijodu tariffarju tal-2020, peress li dik is-sena se tkun l-ewwel perijodu tariffarju li għalih il-BĊE mhux se jkun qed jeżiġi aktar ħlas bil-quddiem tat-tariffa superviżorja annwali.
- (9) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41) għandu jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41) huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-punt 9 huwa mħassar;
 - (b) il-punti 12 u 13 huma sostitwiti b'dan li ġej:
 - “12. “assi totali” tfisser:
 - a) għal grupp taħt superviżjoni, il-valur totali tal-assi kif iddeterminat skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), minbarra l-assi

³ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

⁴ Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2015 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja (BĊE/2015/13) (ĠU L 86, 31.3.2015, p. 13).

- ta' sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti u pajjiżi terzi sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor minn grupp taħt superviżjoni skont l-Artikolu 10(3)(c);
- b) għal fergħa li tħallas tariffa, il-valur totali tal-assi kif irrappurtat għal finijiet prudenzjali. Meta l-valur totali tal-assi ma jkunx meħtieġ li jiġi rrapportat għal finijiet prudenzjali, l-assi totali tisser il-valur totali tal-assi kif iddeterminat fuq il-bażi tal-kontijiet annwali awditjati l-aktar reċenti mħejjija skont l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS) kif applikabbli fl-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u, jekk dawk il-kontijiet annwali ma jkunux disponibbli, il-kontijiet annwali mħejjija skont il-liġijiet nazzjonali applikabbli dwar il-kontabilità. Għall-fergħat li jħallsu tariffa li ma jħejjux kontijiet annwali, l-assi totali tisser il-valur totali tal-assi kif iddeterminat skont l-Artikolu 51(5) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17);
- c) għal żewġ fergħat jew aktar li jħallsu tariffa li huma meqjusa bħala fergħa waħda skont l-Artikolu 3(3), is-somma tal-valur totali tal-assi kif iddeterminat għal kull fergħa li tħallas tariffa rispettivament;
- d) fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-valur tal-assi totali kif iddeterminat skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17);

* Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1 – Edizzjoni speċjali bil-Malti: Kapitolu 13 Volum 029 p. 609-612).

13. "skopertura tar-riskju totali" tisser:

- a) għal grupp taħt superviżjoni, l-ammont kif iddeterminat fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti u kkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), minbarra l-ammont ta' iskopertura tar-riskju ta' sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti u pajjiżi terzi sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor minn grupp taħt superviżjoni skont l-Artikolu 10(3)(c);
- b) għal fergħa li tħallas tariffa, jew żewġ fergħat jew aktar li jħallsu tariffa li huma meqjusa bħala fergħa waħda skont l-Artikolu 3(3), zero;
- c) fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-ammont kif ikkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

** Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).";

2. L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) iddeterminat skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, fil-każ ta' grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti fi ħdan grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa fir-rigward tal-allokkazzjoni tal-ispejjeż, grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa għandhom jiġu trattati b'ħala debitur tariffarju wieħed. Kull grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa għandu jinnomina d-debitur tariffarju għall-grupp kollu u għandu jinnotifika l-identità tad-debitur tariffarju lill-BĊE. Id-debitur tariffarju għandu jiġi stabbilit fi Stat Membru parteċipanti. Din in-notifika għandha tkun ikkunsidrata valida biss jekk:

- (a) issemmi l-isem tal-grupp kopert bin-notifika;
- (b) tiġi ffirmata mid-debitur tariffarju f'isem l-entitajiet kollha taħt superviżjoni tal-grupp;
- (c) tasal għand il-BĊE sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru ta' kull sena, sabiex titqies għall-ħruġ tal-avviż tariffarju fir-rigward ta' dak il-perijodu tariffarju.

Jekk iktar minn notifika waħda għal kull grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa tasal fil-ħin għand il-BĊE, għandha tipprevali n-notifika rċevuta mill-BĊE li tkun l-eqreb lejn, imma qabel, l-iskadenza. Jekk entità taħt superviżjoni ssir parti mill-grupp taħt superviżjoni wara li l-BĊE ikun irċieva notifika valida mingħand id-debitur tariffarju, sakemm il-BĊE ma jkunx infurmat mod ieħor bil-miktub, dik in-notifika titqies li ġiet iffirmata wkoll f'isimha.”;

3. L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 2, it-tieni sentenza hija mħassra;
- (b) il-paragrafu (4) li ġej huwa miżjud:

“4. Fi żmien erba' xhur mit-tmien ta' kull perijodu tariffarju, l-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għal kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni għal dak il-perijodu tariffarju għandu jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-BĊE.”;

4. L-Artikolu 6 huwa mħassar;

5. L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

- (a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

“Entitajiet taħt superviżjoni ġodda, entitajiet li m'għadhomx taħt superviżjoni jew bidla fl-istatus”;

- (b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Meta, wara deċiżjoni tal-BĊE f'dak is-sens, il-BĊE jassumi s-superviżjoni diretta ta' entità taħt superviżjoni jew ta' grupp taħt superviżjoni skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), jew is-superviżjoni diretta ta' entità taħt superviżjoni jew ta' grupp taħt superviżjoni mill-BĊE tintemm skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), it-tariffa superviżorja annwali għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tan-numru ta' xhur li matulhom l-entità taħt superviżjoni jew il-grupp taħt superviżjoni kienu taħt superviżjoni diretta jew indiretta mill-BĊE fl-aħħar jum tax-xahar.”;

6. L-Artikolu 9 huwa mħassar;
7. L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(a) Il-fatturi tariffarji użati għad-determinazzjoni tat-tariffa superviżorja annwali li titthallas fir-rigward ta' kull entità taħt superviżjoni jew grupp taħt superviżjoni għandhom ikunu l-ammont fid-data ta' referenza ta':
- (i) assi totali; u
- (ii) iskopertura tar-riskju totali.”;
- (b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa mħassar u l-punti (ba), (bb), (bc) u (bd) li ġejjin huma mdaħħla:
- “(ba) Il-fatturi tariffarji għandhom ikunu ddeterminati għal kull perijodu tariffarju fuq il-bażi tad-dejta rrapportata mill-entitajiet taħt superviżjoni għal finijiet prudenzjali b'data ta' referenza tal-31 ta' Diċembru tal-perijodu tariffarju preċedenti.
- (bb) Meta entità taħt superviżjoni tfejji l-kontijiet annwali, inklużi l-kontijiet annwali konsolidati, ibbażati fuq sena tal-kontabilità li tvarja mis-sena kalendarja, id-data ta' referenza għall-assi totali għandha tkun it-tmiem tas-sena tal-kontabilità li jikkorrispondi għall-perijodu tariffarju preċedenti.
- (bc) Meta entità taħt superviżjoni jew grupp taħt superviżjoni jiġi stabbilit wara d-data ta' referenza rilevanti speċifikata fil-punti (ba) jew (bb) iżda qabel l-1 ta' Ottubru tal-perijodu tariffarju li għalih it-tariffa hija ddeterminata u għaldaqstant ma jeżistux fatturi tariffarji b'dik id-data ta' referenza, id-data ta' referenza għall-fatturi tariffarji għandha tkun it-tmiem tal-kwart l-ewwel għad-data ta' referenza rilevanti speċifikata fil-punti (ba) jew (bb).
- (bd) Għad-debituri tariffarji li mhumiex soġġetti għar-rappurtar obligatorju għal finijiet prudenzjali jew li jeskludu l-ammont ta' assi u ta' skopertura tar-riskju ta' sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti u pajjiżi terzi skont il-punt (c), il-fatturi tariffarji għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi tal-informazzjoni rrapportata minnhom b'mod separat għall-fini tal-kalkolu tat-tariffa superviżorja. Dawk id-debituri tariffarji għandhom jissottomettu l-fatturi tariffarji lill-NCA ikkonċernata bid-data ta' referenza rilevanti kif iddeterminata taħt il-punti (ba), (bb) jew (bc) skont deċiżjoni tal-BĊE.”;
- (c) fil-paragrafu 3, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(c) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-fatturi tariffarji, gruppi taħt superviżjoni għandhom — bħala regola — jeskludu l-ammont ta' assi u ta' skopertura tar-riskju ta' sussidjarji li jinsabu fi Stati Membri mhux parteċipanti u pajjiżi terzi. Gruppi taħt superviżjoni jistgħu jiddeċiedu li ma jeskludux dawn l-assi għad-determinazzjoni tal-fatturi tariffarji.”;
- (d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(4) Is-somma tal-assi totali tad-debituri tariffarji u s-somma tal-iskopertura tar-riskju totali tad-debituri tariffarji għandhom ikunu ppubblikati fuq il-websajt tal-BĊE.”;

- (e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(5) F'każ li debitur tariffarju jonqos milli jipprovi l-fatturi tariffarji, il-BĊE għandu jiddetermina l-fatturi tariffarji skont deċiżjoni tal-BĊE.”;
- (f) fil-paragrafu 6, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(b) Il-komponent tat-tariffa minima huwa kkalkolat b'hekk b'hekk perċentwali fissa tal-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għal kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni, kif iddeterminat skont l-Artikolu 8.
- (i) Għall-kategorija ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni, il-perċentwali fiss huwa ta' 10 %. Dan l-ammont jinqasam b'mod indaqz fost id-debituri tariffarji kollha. Għal entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni b'assi totali ta' EUR 10 biljun jew inqas, il-komponent tat-tariffa minima jinżel bin-nofs.
- (ii) Għall-kategorija ta' entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni, il-perċentwali fiss huwa ta' 10 %. Dan l-ammont jinqasam b'mod indaqz fost id-debituri tariffarji kollha. Għal entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni b'assi totali ta' EUR 500 miljun jew inqas, il-komponent tat-tariffa minima jinżel bin-nofs.”;
- (g) fil-paragrafu 6, punt (c), il-kliem “l-Artikoli 8 u 9” huma sostitwiti b’“l-Artikolu 8”;
- (h) fil-paragrafu 6, l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Fuq il-bażi tal-kalkolu mwettaq skont dan il-paragrafu u tal-fatturi tariffarji ddeterminati skont dan l-Artikolu, il-BĊE għandu jiddeċiedi dwar it-tariffa superviżorja annwali li għandha titihallas minn kull debitur tariffarju. It-tariffa superviżorja annwali li għandha titihallas għandha tiġi kkomunikata lid-debitur tariffarju permezz tal-avviż tariffarju.”;
8. L-Artikolu 12(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. Avviż tariffarju għandu jinħareġ kull sena mill-BĊE għal kull debitur tariffarju fi żmien sitt xhur mill-bidu tal-perijodu tariffarju sussegwenti.”;
9. Fl-Artikolu 13(1), it-tieni sentenza hija mħassra;
10. L-Artikolu 16 huwa mħassar;
11. L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:
- (a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej: “Rapportar”;
- (b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;
12. L-Artikolu 17a li ġej huwa mdaħħal:

“Artikolu 17a

Arranġamenti tranżitorji għall-perijodu tariffarju tal-2020

1. It-tariffa superviżorja annwali li għandha titihallas fir-rigward ta' kull entità taħt superviżjoni u kull grupp taħt superviżjoni għall-perijodu tariffarju tal-2020 għandha tkun speċifikata fl-avviż tariffarju maħruġ lid-debitur tariffarju rilevanti fl-2021.

2. Kull eċċess jew defiċit mill-perijodu tariffarju tal-2019, iddeterminat billi jitnaqqsu l-kosti annwali attwali mġarrbin fir-rigward ta' dak il-perijodu tariffarju mill-kosti annwali stmati li huma imposti f'dak il-perijodu tariffarju, għandu jitqies fid-determinazzjoni tal-kostijiet annwali għall-perijodu tariffarju tal-2020.”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, [data Xahar SSSS].

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

© Bank Ċentrali Ewropew. 2019

Indirizz postali 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja
Telefon +49 69 1344 0
Sit elettroniku www.bankingsupervision.europa.eu

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hi permessa sakemm jissemma s-sors.

Għat-terminoloġija speċifika, jekk jogħġbok irreferi għall-glossarju MSU (disponibbli bl-Ingliż biss).